MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1816/1998/1

**Francis Xavier Darmanin**

***Versus***

**Brian Camilleri u Marisa Camilleri**

Din il-kawża hija dwar ħsara doluża.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-konvenuti weħedhom kellhom f'idejhom bejn l-1 ta' Mejju 1985 u t-13 ta' Jannar 1998 l-appartament numru ħmistax (15) u l-*garage* numru ħmistax (15) f'*Saint Christopher Flats*, Triq il-Kuċċard, San Ġwann, proprjetà ta' l-attur. Waqt li kienu mexjin fil-Qorti ta' l-Appell proċeduri għall-iżgumbrament tal-konvenuti, dawn raddew iċ-ċwievet tal-fondi lill-attur fit-13 ta' Jannar 1998. Dakinhar stess l-attur mar fl-appartament u ra li kien hemm ħafna ħsara li kien jidher ċar li kienet magħmula bi ħsieb ta' vandaliżmu.

Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuti, ukoll b'ittra uffiċjali tat-23 ta' Jannar 1998, sabiex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni – li huma stmati li jlaħħqu madwar ħamest elef lira

(Lm5,000) – l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi din il-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti flimkien *in solidum* għandhom iwieġbu għall-ħsara li saret fil-proprjetajiet fuq imsemmija;

2. tillikwida d-danni, kemm minħabba l-ħsara kif ukoll minħabba telf ta' dħul sakemm il-proprjetajiet ma setgħux jinkrew minħabba l-ħsara; u

3. tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Jannar 1998.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma huwiex minnu illi tul iż-żmien illi l-proprjetajiet kienu f'idejhom u qabel ma raddew iċ-ċwievet lill-attur huma minjeddhom għamlu ħsara;

2. meta raddew iċ-ċwievet huma ħallew il-proprjetajiet aħjar milli kienu meta huma daħlu fihom fl-1 ta' Mejju 1985; u

3. l-allegazzjoni ta' l-attur illi l-ħsara hija stmata li tiswa madwar ħamest elef lira (Lm5,000) hija eċċessiva; dak li għamlu l-konvenuti meta raddew iċ-ċwievet kien biss illi ħadu lura ħwejjeġ mobbli proprjetà tagħhom li kellhom fil-post.

Il-fatti relevanti seħħew hekk:

Il-proprjetajiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, għalkemm proprjetà ta' l-attur, kienu f'idejn il-konvenuti. L-attur fetaħ kawża għall-iżgumbrament kontra l-konvenuti, u ngħatat sentenza favur tiegħu mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Sar appell minn din is-sentenza iżda, waqt li kien qiegħed jinstema' l-appell, il-konvenuti minjeddhom raddew iċ-ċwievet lill-attur fit-13 ta' Jannar 1998.

L-għada l-attur mar jara l-proprjetajiet u ra li kien hemm ħafna ħsara li, min-natura tagħha, kien jidher ċar li kienet doluża. Qabbad lill-A.I.Ċ. Albert Fenech jelenka l-ħsarat u jagħmel stima tagħhom u dan, wara li għamel aċċess fil-15 ta' Jannar 1998 – jumejn wara li ċ-ċwievet ġew f'idejn l-attur – ħareġ rapport li fih qal illi kien hemm ħafna ħsara minħabba vandaliżmu, abbuż u nuqqas ta' manutenzjoni fis-sistema tad-dawl u ilma, fl-aperturi, fil-madum, fis-*sanitary ware* u l-*fittings* tal-kamra tal-banju, fil-kċina u fit-tibjid tal-ħitan u tas-soqfa.

Mir-rapport tal-Perit Fenech, li mar fuq il-post jumejn biss wara li telquh il-konvenuti, u min-natura tal-ħsarat, kemm

kif imfissra fir-rapport u kemm kif jidher mir-ritratti esebiti mill-attur, jidher ċar illi sar vandaliżmu u ħsara doluża fil-proprjetà ta' l-attur. Il-qorti ma għandha ebda dubju illi din il-ħsara saret mill-konvenuti – x'aktarx bi tpattija talli l-attur kiseb l-iżgumbrament tagħhom – għax ma daħal ħadd ieħor fil-post bejn meta telqu l-konvenuti u meta mar jarah l-attur. L-eċċezzjoni tal-konvenuti illi l-proprjetà ħallewha aħjar milli sabuha ma tistax titqies ħlief bħala waħda għal kollox frivola.

Kull ma fadal għalhekk hu illi ssir likwidazzjoni tad-danni. Għal dan il-għan il-qorti b'dikriet tal-11 ta' Mejju 2004 ħatret perit tekniku. Il-perit irrelata fis-17 ta' Ġunju 2005 u qal illi n-nefqa biex jissewwew il-ħsarat li għamlu l-konvenuti tkun ta' erbat elef, seba' mija u tmienja u għoxrin lira u disgħa u tletin ċenteżmu (Lm4,728.39).

Waqt mistoqsijiet li sarulu in eskussjoni l-perit stqarr illi jista' jkun illi s-somma ta' mija u sittin lira (Lm160) għal brix u tikħil qiesha darbtejn għax kienet ġà magħduda fin-nefqa għat-tibjid. Il-qorti tagħti lill-konvenuti l-benefiċċju ta' dan id-dubju u għalhekk sejra tnaqqas din is-somma ta' mija u sittin lira (Lm160) mil-likwidazzjoni li għamel il-perit.

Huwa minnu wkoll illi f'kull każ, qabel ma jerġa' jikri l-appartament, l-attur kien jagħmel nefqa biex iduru, u għalhekk huwa xieraq illi jsir tnaqqis għal dan ukoll.

Il-qorti għalhekk tillikwida l-ħsara fis-somma ta' erbat elef lira (Lm4,000).

Ma' dan għandu jiżdied il-kera mitluf sakemm issewwiet il-ħsara li għamlu l-konvenuti. Il-qorti hija tal-fehma illi tliet xhur kienu jkunu biżżejjed sakemm jinstabu l-ħaddiema, jinxtara l-materjal u jsir ix-xogħol, u għalhekk tillikwida l-*lucrum cessans* minħabba kera mitluf fis-somma ta' mija u ħamsin lira (Lm150), bir-rata ta' ħamsin lira fix-xahar.

Id-danni b'kollox għalhekk jitilgħu għal erbat elef u mija u ħamsin lira (Lm4,150).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża u tiddisponi mit-talbiet ta' l-attur u mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi tgħid illi l-konvenuti flimkien *in solidum* għandhom iwieġbu għad-danni billi l-ħsara kienet doluża; tillikwida d-danni fis-somma ta' erbat elef u mija u ħamsin lira (Lm4,150) u tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-ispejjeż ġudizzjarji mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------